**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru 31**

**Avviz numru 834/02**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Anthony Vella u martu Josephine Vella**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm1040 (elf u erbghin lira Maltin) rappresentanti import ta' tmien kambjali, kollha ta' Lm30 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2001 sa Frar 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-18 ta’ Marzu 2002 jammontaw ghal Lm41, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta‘ Jannar, 2002 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema’ lil Dr Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1040 (elf u erbghin lira Maltin)  dovuta ghal import ta‘ tmien (8) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**